**Il-Karti tal-Flus Maltin tal-Ħames Serje u l-verżjoni mirquma tagħhom (bla valuta legali wara l-31 ta' Jannar 2008)**

Fit-18 ta' Settembru 1989 il-Bank Ċentrali ta' Malta ħareġ il-Ħames Serje ta' karti tal-flus, magħmula minn erba' denominazzjonijiet: Lm2, Lm5, Lm10 u Lm20.

In-naħa ta' quddiem hi l-istess fl-erba' karti tal-flus. It-tema ewlenija hi x-xbieha ta' mara żżomm tmun, li tissimbolizza lil Malta b'rajha f'idejha. Temi oħrajn huma t-tliet ħamimiet li jfissru s-sliem, l-Arma tal-Ġnus Magħquda, l-Arma tal-Bank Ċentrali ta' Malta, u disinni tal-mużajk ta' żmien ir-Rumani f'Malta.

L-euro daħal minflok il-karti tal-flus Maltin meta Malta ssieħbet fiż-żona ta' l-euro u adottat l-euro bħala l-flus tagħha fl-1 ta' Jannar 2008. Wara din id-data, il-flus Maltin baqgħu valuta legali sal-31 ta' Jannar 2008. Madankollu, il-karti tal-flus Maltin se jibqgħu jissarrfu l-Bank Ċentrali ta' Malta sa għaxar snin wara d-data tad-demonetizzazzjoni tagħhom, jiġifieri sal-31 ta' Jannar 2018.

**Karatteristiċi tas-Sigurtà**

Dawn il-karti tal-flus iħaddnu fihom ħafna mill-karatteristiċi tas-sigurta' li kienu jinstabu fi żmien ħruġhom. Huma jħaddnu fihom bosta suriet kompjuterizzati tat-tip "Guilloche", stampar litografiku stil qawsalla, stampar fuq l-isfond litografiku u l-istampar tipografiku tan-numri. Ix-xbieha trasparenti turi ras "allegorika" li wieħed jista' jaraha fuq in-naħa tal-lemin meta jħares lejn il-karta minn quddiem.

Il-fil tas-sigurtà kienet intisġet ġol-karta waqt li din kienet qiegħda ssir. Hi tidher bħala linja sħiħa nieżla minn fuq għal isfel tal-karta tal-flus, u tidher fuq il-lemin meta wieħed iħares lejn il-karta tal-flus minn quddiem.

Fuq in-naħa tax-xellug tan-naħa ta' quddiem ta' dawn il-karti tal-flus jidhru tliet suriet imkebbin mitbugħin b'linka minn lewn il-fidda li jagħtu leqqa fiddinija lil din ix-xbieha li torqmilha dehritha u fl-istess waqt toħloq xkiel kbir lil min ikun irid jikkopjaha.

Meta wieħed iħares lejn dawn il-karti tal-flus min-naħa tax-xifer tagħhom, wieħed ikun ikun jista' jara l-ittri "BĊM" minsuġin fuq quddiem fir-rokna t'isfel tax-xellug jibdew ifiġġu, kif ukoll, jekk il-karti tal-flus jinżammu kontra d-dawl, ġisem il-ħamiem stampati fuq wara jidħlu eżatt fix-xbieha maħżuża tal-ħamiem li hemm fuq in-naħa ta' quddiem.

Fl-1 ta' Ġunju 1994, il-Bank Ċentrali ta' Malta ħareġ id-disinni mibdulin ta' din il-Ħames Serje. Għalkemm id-disinn l-ewlieni baqa' mhux mibdul, iddaħħlu dawn l-karatteristiċi tas-sigurtà li ġejjin:

1. Il-fil tas-sigurta' l-ġdida tidher bħala sensiela ta' singijiet tal-fidda fuq quddiem tal-karta tal-flus.
2. L-istampar fiddien metalliku sar ukoll f'partijiet oħrajn tal-karti tal-flus.
3. Iddaħħlu aktar għeliem li jidhru minn naħa għall-oħra tal-karta, u dawn l-għeliem nżidulhom ilwien u suriet ġodda.

4. In-numru msensel tal-karti tal-flus tar-rokna tax-xellug ta' fuq jidher stampat bi stil ġdid.
5. Fir-rokna t'isfel tal-lemin tal-karti tal-flus ta' l-Lm10 u ta' l-Lm20, lewn il-linka jinbidel skond mnejn wieħed iħares lejha.

**Il-Karta tal-Flus taż-Lm2**

IL-ĦAMES SERJE VERŻJONI MIRQUMA

Tiswira: 66.5mm x 138mm – Lewn: Aħmar




**Quddiem**




**Quddiem**




**Wara**




**Wara**

**In-Naħa ta' Wara:** Il-Banka Ċentrali fl-Imdina u fir-Rabat ta' Għawdex

**Il-Karta tal-Flus tal-Lm5**

IL-ĦAMES SERJE VERŻJONI MIRQUMA

Tiswira: 69mm x 145mm – Lewn: Ikħal




**Quddiem**




**Quddiem**




**Wara**




**Wara**

**In-Naħa ta' Wara:** Il-Bieb ta' l-Imdina minn wara, it-Torri ta' l-Istandard, silta mill-istqarrija Maltija tal-jeddijiet tal-bniedem.

**Il-Karta tal-Flus ta' l-Lm10**

IL-ĦAMES SERJE

VERŻJONI MIRQUMA

Tiswira: 72.5mm x 145mm – Lewn: Aħdar




**Quddiem**




**Wara**




**Wara**




**Wara**

**In-Naħa ta' Wara:** Il-Mafkar tas-7 ta' Ġunju 1919 fil-Belt Valletta, il-laqgħa ta' l-Assemblea Nazzjonali fis-7 ta' Ġunju 1919, dakinhar li kienu nqatlu erba' ċittadini Maltin.

**Il-Karta tal-Flus ta' l-Lm20**

IL-ĦAMES SERJE

VERŻJONI MIRQUMA

Tiswira: 76mm x 145mm – Lewn: Kannella




**Quddiem**




**Wara**




**Wara**




**Wara**

**In-Naħa ta' Wara:** Dott. Borg Olivier, Prim Ministru fl-1964 meta Malta kienet ingħatat l-Indipendenza, it-tlugħ tal-bandiera Maltija u l-irħama fil-Belt Valletta li tfakkar l-Indipendenza nhar il-21 ta' Settembru 1964.